# Lil G. B. S.

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

*Wara li maqdar il-bomba atomika.*

Fis-sikka tat-tagħlim li, seffa f'seffa,
reddgħuni l-ewwel ommi mb'għad, fil-medda
ta' snin żgħużiti, djar il-għerf u, f'kobri,
tiġrib id-dinja, l-kotba l-kbar, is-safar,
ma naf li ltqajt ma' l-ebda bniedem għaref,
o G.B.S., li daqsek fija qanqal
tmeżmiż hekk ħaj mill-kitba tiegħu kollha.
U, b'wiċċi minn quddiem, nistqarr li lilek
bir-reqqa kollha qrajtek, bin-nuċċali
li jmissu jxidd nisrani f'kulma jaqra,
u tmajt u tmajt, fis-sewwa, minn qiegħ qalbi,
li fost il-geġweġija ta' kliem sbejjaħ
li ridt tinqeda bih sabiex id-dinja
tgħaxxaqha bik, insib xi xrara tiddi
bid-dawl tal-għerf divin li r-ruħ ituqha.

Għax tabilħaqq stennejtu minnek, iva,
li, wara Shakespeare dħalt, ma' Pirandello,
fil-wirt għażiż ta' Plauto, kif xeraqlek;
stennejtu minnek li, fix-xejra ġdida
ta' ħżużek, nara n-naqxa ta' l-imgħallem
li jaf x'igħid u ras il-għajn jolqotha,
ukoll jekk mindaqqiet tinfexx fil-frugħa
li tfakkar f'Wells u lilek tnizzlek miegħu
fit-tajn ta' bir-il-bniedem-xejn tissaħħam;
stennejtu minnek għax, fi żmien bħal tagħna,
fejn Djoġene mill-ġdid bl-imnara f'idu
ma kienx isibha fostna l-ġewwenija,
jaħtieġ ikunu, G.B.S., ta' bħalek
li b'għerfhom u b'tagħlimhom jarmu dija
li turi t-triq mitlufa, li b'ħidmithom
iwittu fiha x-xkiel li l-bluha ħaffret
u li l-kobrija ħattbet f'tulha kollu,
li jmexxu fiha l-għomi... bħall-Messija!

Stennejt għalxejn! Bil-ġrajja ta' pajjiżek
u b'ta' l-oħrajn inqdejt għalbiex issarraf,
qarib u bgħid, il-għaraq mill-qattara
tal-pinna tiegħek bil-qadim miblula,
fil-ħelu morr li Klijo sqietek minnu,
ukoll jekk sibt issinn il-għodda tagħha
fuq il-ħuffiefa tidwi ta' Polinnja.
U ma xebbgħekx l-imgħoddi mnejn il-ħażen
taż-żmien pagan għaraft bil-kif tisiltu
u twaħħdu, taħt l-istar ta' Melpomene,
mat-tjieba tal-Qaddisa tal-qlubija,
bħalkieku l-ġrajja ta' dil-ġara ġawhra
tista' tittiesef jew, bil-kliem, tittabba',
għax inti togħxa 'l min issemmi xxemnaq!
Le ma xebbgħekx... Qarrast ukoll bl-imqata
tal-linka ħadra mħuħ in-nies ta' żmienek;
għaraft issib il-għajb tad-dinja tagħna
jew moħbi tajjeb taħt uċuh qarrieqa
fejn żena tidher żina u ħjiena ħniena,
jew muri ħieles b'wiċċ is-sefqa mbissem
għal kollox jgħodd u jedd il-bniedem dinu!
U tajtna 'l Pigmaljun...Sellum il-kobor
li begħdek iżjed mn'Alla, bil-għajnuna
ta' dinja fiergħa tlajt, u minn dak l-għoli
ma' ħutek il-bnedmin ta' kbir tilgħabha.
U liż-żagħżugħ fuq ruħu mimli ħmara
b'tarbija tgħoddu, tridu ż-żmien jistenna;
lix-xiħ imġarrab f'tarf il-ħajja mwassal,
għax inti bħalu, G.B.S., tokroblu
li jmissu jibqa' jgħix għax għadu jibda!
Iżda, kif ried fil-bidu Min ħalaqna,
din hija l-aqwa moħba tal-ħolqien,
u jmissek taf li, jekk fiż-żmien, il-għomor
kien itwal minn tal-lum, id-dinja xjieħet
u trid iddur wisq iżjed milli tiflaħ,
u n-nifs maqtugħ ma jħallihiex tiżżarġan...
jaħtieġ tistrieħ... Metusalemm kien wieħed!
Fit-telfa ta' kemm tgħarrfet fuq l-imgħoddi,
dil-gewġa nemel jiżgħed u jiġġieled

insiet ċokonha, nsietu tajn nisilha,
insietu n-Nifs il-Kbir li taha l-ħajja;
'mma nteħħet kemm inteħħet baqgħet nitfa
mimlija ntietef, G.B.S.... int fiha!

Għalhekk jewwilla mnebbeh int maqdartha,
ja raġel kbir u ċkejken, dik il-bomba
li b'nitfa l-bieraħ qerdet belt... u għada
teqridlek kontinent... u dinja sħiħa...
Int rajtu dan u fhimtu... u rajt il-ħolma
li ħlomt m'ilux ta' dinja xjuħ għorrief
iqandlu sninhom iżda jidħku, miegħek,
b'sengħet iż-żgħażagħ kbar li ġew qabilhom,
bħat-Trux ta' Bonn li qanqal qalb id-dinja,
jew dak li taha faqru minn Assisi,
duħħan tisfagħlek bħal Bikini ġdida.
Għalhekk maqdartha! Mhux għax rajtha titfa'
lill-bniedem 'l ura, tagħmlu dbiba kiefra
mitlufa f'xagħri fejn il-jien tal-għira
mal-kilba jsaltan prim u tħibb għal sħabha.
Iżda jekk s'issa, f'dan is-seklu mdawwal,
l-għajnejn imgħammxa ċajpru moħħ il-bniedem,
li nesa lilu nnifsu, ż-żmien għad jiġi
li fih jintebeh bit-taħbit ta' qalbu
fejn ruħu raqdet, u, kif tqum, jagħrafha...
tixegħlu u tħeġġu... u jinsa qżież il-ġisem,
il-frugħa, l-ġlied, id-dinja... jinsa lilek,
o G.B.S.... U ħarstu 'l fuq jitfagħha,
fejn jilmaħ it-tbissima kollha ħniena
u mħabba ta' Missier l-Umanità!